*SEHEM RISERVAT*

*KOLLAZZJONI*

*RINUNZJA MILL-EREDI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 993/2014/LSO**

**John Pisani [ID. 0394858M]**

**vs**

**Maria Anna sive Mary Anne Borg [ID. 362467M].**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' John Pisani [ID. 0394858M] datat 11 ta' Novembru 2014 fejn espona: -

Illi l-kontendenti huma wlied Franceso Saverio Pisani li miet fl-erbatax ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (14/09/2012) [Ara Dok. "A" hawn unit];

Illi l-imsemmi Francesco Saverio Pisani halla warajh lil martu Maria Concetta Pisani u lis-sitt (6) uliedu u cioe' r-rikorrenti, il-konvenuta Mary Anne Borg, Grace Ciantar, Carmelo, Francis, u Anthony ahwa Pisani.

Illi mir-ricerki testamentarja li saru f'isem il-mejjet Francesco Saverio Pisani rrizulta illi l-ahhar testment tieghu kien dak ta' l-erbgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (24/07/2012), in atti Nutar Dottor Daniel John Bugeja, fejn huwa istitwixxa bhala eredi universali tieghu liz-zewg uliedu bniet u cioe' l-konvenuta Mary Anne Borg u Grace Ciantar (ara Dok. "B" hawn unit).

Illi Grace Ciantar irrinunzjat definittivament u rrevokabbilment ghal kull wirt u dritt ereditarju mill-wirt tad-decujius missierha Francesco Saverio Pisani b'att tan-Nutar Dottor Charmaine Azzopardi tat-tnax ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (12/03/2013).

Illi l-esponent ghalhekk ghandu dritt ghall-porzjon rizervat mill-eredita' ta' missieru, id-decujius Francesco Saverio Pisani.

Illi l-intimata kkapparrat, mal-mewt ta' missierha Francesco Saverio Pisani, kull ma’ kien hemm, hadet pussess komplet tal-proprjetajiet immobiljari kollha u eskludiet anki lil ommha Maria Concetta Pisani minn nofs indiviz taghha bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti gia' ezistenti bejn il-konjugi Francesco Saverio u Maria Concetta Pisani.

Illi l-intimata gia' ghamlet id-dikjarazzjoni "causa mortis" ta' missierha permezz ta' att tas-sittax ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (06/08/2013) [ara Dok. "C" hawn unit].

Illi ghalkemm l-esponent interpella lill-intimata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-porzjon rizervat lir-rikorrent spettanti lilu skont il-ligi, l-intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant tghid il-konvenuta ‘l ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tistabilixxi u taccerta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji tal-mejjet Francesco Saverio Pisani okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi.

2. Tillikwida l-porzjon rizervat spettanti lir-rikorrent John Pisani mill-eredita' ta' missieru d-decujius Francesco Saverio Pisani.

3. Tillikwida l-imghax dovut lir-rikorrent mid-data tal-mewt ta' Francesco Saverio Pisani.

4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur il-porzjon rizervat hekk likwidat bl-imghaxijiet kif mitluba fit-talba precedenti.

5. Tordna okkorrendo l-pubblikazzjoni ta' l-att notarili relattiv fid-data, hin u lok li jigu minn dina l-Qorti ffissati, u tinnomina Nutar biex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Lulju 2014 u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1790/2014 prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijet legali mill-14 ta' Settembru 2012, id-data tal-mewt ta' Francesco Saverio Pisani.

L-intimata hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta' Jannar 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Maria Anna *sive* Mary Anne Borg et datata 23 ta' Dicembru 2014 (fol 18) fejn esponiet :

1. Illi l-konvenuta giet notifikata bir-rikors guramentat ta' huha John Pisani u ghaldaqstant qieghda tintavola din ir-risposta;

2. Illi primarjament it-testment juri bic-car illi l-attur u huh Carmelo Pisani hadu diversi proprjetajiet u hwejjeg ohra matul hajjithom minghand it-testatur u ghaldaqstant it-testatur hass li kellu jhalli legati '*lil dawk li ma hadu xejn matul il-hajja tat-testatur*';

3. Illi l-allegazzjonijiet li l-konvenuta kkapparrat kollox mal-mewt ta' missierha huma kollha allegazzjonijiet fierha u barra minn hekk ma ghandhom l-ebda konnessjoni u/jew relevanza ma’ dina l-kawza;

4. Illi dina l-kawza suppost giet intavolata biss fuq l-ammont pretiz mill-attur bhala legittima, u hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza l-ebda ammont m'hu dovut lil attur;

5. Illi ma hemm ebda assi formanti parti mill-massa ereditarja hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;

6. Illi barra minn hekk it-testatur fit-testment tieghu espressament f’ artikolu disgha (9) jghid illi *'jezenta lill-uliedu kollha mill-obbligu tal-konferiment fil-massa ereditarja u mill-imputazzjoni ghal sehemhom ta' dak kollu li rcevew jew ghad jistghu jircievu minghand it-testatur ghal kull raguni u taht kull titolu’.*

*7.* Salv eccezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjes kontra l-attur illi huwa minn issa ingunt in subbizzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur John Pisani datata 15 ta' Jannar 2018 a fol 295 (Vol II) tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-intimata Maria Anna sive Mary Anne Borg datata 19 ta' Frar 2018 a fol 302 (Vol II) tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma nkluz dak tat-22 ta' Frar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Henry Antoncich ghall-attur, li talab li l-kawza tigi differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza, qed jintalab, fl-ewwel lok, li jigi stabbilit u accertat il-konsistenza tal-assi ereditarji tad-defunt Francesco Saverio Pisani li miet testat fl-14 ta' Settembru 2012, u fit-tieni lok, sabiex ir-rikorrent jircievi s-sehem riservat dovut lilu mill-assi ereditarji tal-imsemmi testatur li jigi missieru. Ghalhekk, qed tintalab il-likwidazzjoni tas-sehem riservat, inkuz l-imghax mid-data tal-mewt tad-defunt missieru.

**<u>Fatti:</u>**

Missier il-kontendenti Franceso Saverio Cini miet fl-14 ta' Settembru 2012 kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt esebit bhala Dok A, u fit-testment tieghu datat 24 ta' Lulju 2012,

Dok B, fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel John Bugeja, istitwixxa bhala eredi universali lill-uliedu Mary Anne Borg u Grace Ciantar. Illi permezz ta' dikjarazzjoni datata 12 ta' Marzu 2013 (fol 232), fl-atti tan-Nutar Dottor Charmaine Azzopardi datat 12 ta' Marzu 2013, Grace Ciantar irrunanzjat ghall-wirt ta' missierha, b'hekk l-unika werrieta hija Maryanne Borg. Ir-rikorrent, wiehed mis-sitt ulied li kellu d-defunt Francesco Saverio Pisani qed jipprocedi b'dan il-kaz ghas-sehem riservat, wara li nterpella lil ohtu l-intimata, izda baqghet indempjenti.

**Provi:**

**Joe Pisani** xehed (fol 88)[1] u qal in rapprezentanza tal-Bank HSBC, minn ricerka li ghamel dwar Francesco Saverio Pisani mill-1 ta' Jannar 2010 sat-13 ta' Marzu 2015, ma sab xejn.

**Jeanette Lepre** xehdet u qalet in rapprezentanza tal-Lombard Bank, (fol 89)[2] li minn ricerka li ghamlu dwar Francesco Saverio Cini, ma nstab xejn fuq ismu jew fuq isem terzi.

**Rebecca Micallef**, in rapprezentaza tal-Bank APS xehdet (fol 91)[3] fejn qalet li mir-ricerka li ghamlu fuq Francesco Saverio Cini liema ricerka tmur lura sal-1995, nstab li ma kellux kontijiet.

[1] Seduta tas-17 ta' Marzu 2015.
[2] Seduta tas-17 ta' Marzu 2015.
[3] Seduta tas-17 ta' Marzu 2015.

**Maria Anna Borg** xehdet (fol 92-95)[4] u qalet li meta saret id-denunzja ta' Francesco Saverio Cini, qabbdet lill-Perit Claude Mallia li kien ghamel stima. Qalet li l-ghodda ta' missierha ghadha fil-garaxx kif halliha hu. Qalet li l-ghamara ghadha hemm fil-post, izda deheb missierha ma kellux ghax ma kienx jahmel id-deheb. Qalet li ghall-funeral ta' missierha harget l-ispejjez hi.

**Charlie Pisani** xehed (fol 98-104)[5] u qal li jigi mill-kontendenti peress li hu huhom il-kbir. Qal li jaf bil-porzjon tal-legittima, izda hu ma ha xejn wara l-mewt ta' missieru. Qal li hu kien juza l-garaxx ta' missieru ghall-*welding* u ghad hemm ghodda tieghu hemmhekk, fosthom *driller*, *grinder* u torn tal-gebel u meta missieru keccieh mill-garaxx talbu dawn l-ghodda izda ma tahomlux. Semma wkoll li missieru kellu kaxxa li kien fiha xi deheb fosthom gizirana tan-nisa, kien hemm cappetta hoxna tad-deheb u serp tad-deheb, crieket u brazzuletti. Qal li ma jafx missieru kellux curkett tal-kunsens tad-deheb, kien jilbes curkett tad-deheb b'qalb. Semma wkoll li missieru kellu zewg slielen kbar taz-zewg puntati li juzaw fis-sengha tal-bennejja peress li missieru kien bennej. Semma li missieru kellu wkoll hafna ghodda biex jaghmel il-lavur tal-gebel. Qal rigward il-kera li kien ihallas lil missieru talli juza l-garaxx kien ihallas Lm20 kera u ghandu kopja tal-ewwel ircevuta tal-kera, peress li misseru ghamillu l-ewwel u l-ahhar ricevuta avolja baqa' jhallas il-kera izda missieru ma tahx aktar ricevuti. Qal li fid-dar ta' missieru kien hemm salott, kamra tas-sodda u kcina, u xi garar tal-fuhhar. Spjega li missieru kellu karattru difficli, ommu ghexet mieghu ta' mizzewgin

[4] Seduta tas-17 ta' Marzu 2015.
[5] Seduta tad-9 ta' April 2015.

izda fl-ahhar, xi 32 sena ilu kienet telqet u ma hadet xejn maghha.

**Francis Pisani** xehed (fol 105-108)[6] li huwa hu l-kontendenti, ghandu 58 sena. Spjega li fid-dar missieru kellu ghamara fosthom salott u kamra tas-sodda u kcina modesta, u garar tal-fuhhar. Qal ukoll li kellu kaxxa tal-Oxo antika bid-deheb ta' ommu, li fiha kien hemm diversi dehebijiet, gizirana, cappetta, *choker* forma ta' serp tad-deheb u crieket tat-tieg u tal-"engage". Spjega li missieru kien jahdem fil-gebel u kellu hafna ghodod li kien izomm fil-garaxx tieghu fil-Mexico garaxx ghax missieru kellu tliet garaxxijiet.

**Joan Antida Caruana** xehdet permezz ta' affidavit (fol 122) u qalet li z-zija Concetta, li tigi omm l-intimata, qatt ma semmiet li kien hemm swat fuqha miz-ziju.

In **kontro-ezami** qalet (fol 183-185)[7] li omm Maryanne flimkien ma' Maryanne kienet marret toqghod ghandha ghal xi zmien ghax kellha xi tghid mar-ragel.

**Anthony Pisani** xehed permezz ta' affidavit (fol 129-135)[8] qal li jigi hu l-kontendenti u ghandu 56 sena. Qal li hu ra t-testment ta' missieru fejn qal, li lilu tah f'hajtu qabel miet, izda fil-fatt ma tah xejn ghax il-fond li ha minghand missieru hallsu tieghu, u ghandu l-kuntratt, fejn missieru anke ghamillu ricevuta ghall-hlas li rcieva. Qal li jaf li wirtet kollox ohtu z-zghira u uliedha. Kellimha kemm-il darba

---

[6] Seduta tad-9 ta' April 2015.
[7] Seduta tat-8 ta' April 2016.
[8] Seduta tat-30 ta' Gunju 2015.

ghal-legittima, biex jipprova jirranga izda hi qaltlu li ma trid ittih xejn u jekk irid jidhol il-Qorti. Semma li missieru ma kienx ikellmu u ghalkemm kien joqghod qrib hafna tieghu, kien ilu mill-2006 ma jidhol id-dar ta' missieru. Qal li missieru kellu ghamara tal-fuljetta li ma kinitx ta' valur. Rigward id-deheb, qal li jiftakar li misiseru kellu kaxxa tal-Oxo li fiha kien hemm diversi bicciet tad-deheb. Qal li minhabba li xoghol missieru kien fil-bini, kellu diversi ghodod. Hu esebixxa Dok AP1 li hu l-kuntratt li bih xtara l-fond minghand missieru.

**John Pisani** xehed permezz ta' affidavit (fol 66-69) u qal li missieru miet fl-14 ta' Settembru 2012, u halla lil martu u sitt uliedu. Qal li mir-ricerki jirrizulta li permezz tat-testment tieghu, missieru halla bhala eredi universali liz-zewg uliedu bniet, izda sussegwentement, wahda minnhom Grace Ciantar irrinunzjat ghall-wirt. Semma lista ta' immobbli u oggetti formanti parti mill-eredita` ta' missieru, u qal li hu jmissu s-sehem riservat mill-eredita` ta' missieru.

**John Pisani** r-rikorrent xehed (fol 136-146)[9] u esebixxa Dok JP4 stima tal-garaxx Mexico. Esebixxa wkoll Dok JP5, kuntratt ta' meta xtara l-art minghand missieru li ma tahilux b'xejn, kuntrarjament ghal dak indikat fit-testment tieghu. Spjega li hu xtara biss l-art minghand missieru imbaghad bena hu. Spjega li misseru keccieh mid-dar meta kellu 25 sena, u dak iz-zmien kienu hu, missieru u ohtu l-intimata god-dar.

In **kontro-ezami** qal, li meta kien qed jaghmel xoghol fil-fond tieghu missieru gieli mar ighinu, izda hafna mix-xoghol

[9] Seduta tat-30 ta' Gunju 2015.

hu kien jaghmlu. Qal li meta kien jahdem ibiegh il-gelat meta kien zghir, imqabbad minn missieru, qatt ma ha xejn talli kien ibiegh il-gelat, jigifieri missieru ma rrenumerahx ta' dak ix-xoghol. Qal ukoll li hu ghandu 57 sena u li meta keccieh missieru kellu 25 sena. Qal li meta marad b'imsarnu u missieru kien l-isptar ma marx jarrah ghax missieru kien ikeccieh. Spjega wkoll, li ommu telqet mid-dar ghax kien kecciha missieru u hu kien prezenti meta gara dan, u ommu dak iz-zmien kellha hamsin sena, u llum ghandha 88 sena. Qal li peress li ggieled ma kienx jidhol ghand missieru, u dan kien ilu ghal xi 25 sena. Mistqosi ghalhekk kemm ilu ma jara l-kaxxa tad-deheb, qal hamsa u ghoxrin sena.

**Rita Degabriele** xehdet permezz ta' affidavit (fol 149-151) qalet li hi l-kugina tal-kontendenti, semmiet li meta l-genituri tal-partijiet isseparaw l-intimata kienet tmur ghandhom wara l-iskola, u taf li l-intimata baqghet tghin lil missierha sa ma miet. Rigward ir-rikorrent John, qal li z-ziju Francesco Saverio kien imur tajjeb mieghu u ghenu anke jibni l-post tieghu.

**Antonia Galea** xehdet permezz ta' affidavit (fol 152-154) qalet li hi kugina tal-kontendenti u meta l-genituri tal-partijiet isseparaw kienu ighinu billi jzommu lill-intimata Maryanne wara l-iskola peress li kienet ghadha zghira. Qalet li l-kugini s-subien kienu jahdmu mill-garaxxijiet ta' Fracesco Saverio. Qalet li tiftakar lil Francesco Saverio dejjem ighin lil uliedu. Semmiet li meta kiber u marad anke mar ighix ma' Maryanne. Qalet li taf li uliedu s-subien kien ilhom zmien ma jkellmuhx izda ma tafx fuq xhiex.

**Dr. Christopher Zarb** xehed (fol 157-158)[10] qal li hu tabib tal-familja u kien tabib tal-familja tar-rikorrenti ghalhekk jiftakar li meta kiber Francesco Saverio kien jarah regolarment u kellu *cancer* fl-istonku tieghu, gie operat izda kien rega' qabdu wara ftit taz-zmien. Qal li kien qabbdu ma' specjalista privat.

**Grace Ciantar** xehdet (fol 159-168)[11] u qalet li hi oht il-partijiet, qalet li l-ambjent tat-tfulija kien sew, tiftakar biss li malli missierha kien jigi minn gurnata xoghol kienet taqbad tiggieled mieghu u qatt ma rat swat id-dar. Qalet li zzewget ta' ghoxrin sena u kienet anke tghix barra, izda issa rritornat. Qalet li missierha kien ighin lis-subien ukoll fil-xoghol tal-bini tal-postijiet. Qalet li missierha kellu tliet garaxxijiet li bnihom hu. Mistoqsija dwar kaxxa tal-Oxo li kien fiha d-deheb qalet li iva ommha kienet izzomm l-affarijiet taghha hemmhekk. Qalet li hemm dghajsa wkoll li kien ilha minn zmien il-buznannu, li peress li ghaddew hafna snin minn fuqha ma jidhirx li ghadha soda. Qalet li hi rrinunzjat ghall-wirt ta' missierha. Semmiet li missierha kien jiddispjacih li hutha s-subien ma kinux ikellmuh.

In **kontro-ezami**, qalet li meta kien ghadu b'sahhtu missierha kien ighin lil hutha s-subien fil-gebel u huma kienu ighinuh ukoll fix-xoghol tal-gebel izda meta marad ma ghenuhx.

---

[10] Seduta tal-10 ta' Novembru 2015.
[11] Seduta tal-10 ta' Novembru 2015.

**John Borg**, ir-ragel tal-intimata, xehed (fol 180)[12] u qal li l-kunjatu dejjem hadu hsiebu hu u martu. Qal li lil Maryanne ilu jafha 33 sena u gieli ghen lil missierha f'xoghol ta' tibjid u manutenzjoni. Qal li jaf li missierha kien ghen lil uliedu subien biex jibnilhom id-dar, ghenhom fix-xoghol tal-bini. Semma li Charlie kien jahdem il-hadid fil-garaxx ta' missieru. Qal li wara l-operazzjoni kien gie joqghod maghhom u gieli wasslu hu sal-garaxx biex jghaddi fit hin hemm u mbaghad jergghu jehduh id-dar maghhom. Spjega li missier Maryanne dam marid mill-2004 sal-2012, u f'dan il-perjodu John qatt ma kien gie jarah lanqas jekk jarah fit-triq ma kien ikellmu. Semma wkoll li fl-2005, kienu serquh lil missier Maryanne.

In **kontro-ezami**, b'referenza ghad-9 artikolu tat-testment ta' Francesco Saverio Pisani qal li din ma jafx xi tfisser, semma li ghat-testment kienu marru ghand zewg nutara in-Nutar Bugeja u n-Nutar Fiona Armeni, mistoqsi jekk in-Nutara accenawx li dak li kien tahom matul hajtu kien kollu mbierek, ma qalulhomx hekk.

F'**kontro-ezami** ulterjuri (fol 189-198)[13] qal, li jaf li missier il-mara kellu tliet garaxxijiet, ir-rikorrent kien jahdem il-gebel f'wiehed minnhom, u garaxx minnhom kien bil-fniek u iehor ghall-*welding*. Esebixxa ritratt Dok JB1 fejn ir-rikorrent kien fil-garaxx qed jaghmel xoghol tal-gebel. Spjega li meta serquh lill-kunjatu qal li zarmawh.

**PC 175** xehed u esebixxa rapport a fol 210 tal-process, dwar serqa li kienet saret lil Francesco Saverio Pisani fis-

[12] Seduta tal-1 ta' Marzu 2016.
[13] Seduta tat-28 ta' Gunju 2016.

27 ta' Lulju 2005, fejn mir-rapport jirrizulta li kienu nsterqu Lm160 mid-dar tieghu.

**Rapport tal-Perit Vincent Ciliberti:**

B'digriet ta' din il-Qorti datat 16 ta' April 2015 (fol 109) gie nominat il-Perit Vincent Ciliberti biex jaghmel stima tal-ghamara, oggetti mobbli, ghodod u ngenji relatati max-xoghol tad-decujus. Ir-rapport tieghu jinsab esebit a fol 245 *et sequens* tal-process.

Illi l-Perit nominat ikkonstata l-valur tal-ghamara, oggetti mobbli, ghodod u ingenji relatati max-xoghol tad-defunt Francesco Saverio Pisani.

Dwar il-valuri tal-oggeti fid-diversi fondi gie konkjuz is-segwenti:

Illi dwar il-valur tal-mobbli, oggetti, u pitturi fil-fond Nru 116 St. Francis, fi Triq Wied il-Ghajn, gie kkonstatat li dawn mhumiex ta' valur gholi, b'hekk il-valur komplessiv huwa ta' €400.

Rigward dak misjub fil-Mexico Garaxx fi Triq Wied il-Ghajn, konsistenti fi *scaffolding jacks* dawn huma tal-valur komplessiv ta' €1,200.

Iz-zewg bicciet tal-bahar, mutur tal-bahar fl-ammont ta' €500 (korretta ghal €80 aktar tard tramite l-eskussjoni) u frejgatina mahduma bl-injam bil-valur ta' €650.

Fil-garaxx numru hamsa (5) fi Triq il-Hawt, l-effetti misjuba konsistenti f'torn b'mutur tal-elettriku, ghodda u twavel tal-injam li gew stmati komplessivament fl-ammont ta' €460.

Fuq domandi in eskussjoni maghmula da parti ta' l-avukat difensur tal-intimata, il-Perit Ciliberti wiegeb li dwar l-effetti misjuba fil-Mexico Garaxx, dwar dak sottolineat li l-oggetti ma kienux qed jintuzaw, hu sostna li l-fatt li ma ntuzawx ghal perjodu ta' zmien ma jfissirx li ma jistghux jergghu jintuzaw, ladarba ma garrbux hsara. Dwar id-domanda l-ohra, specifikatament ghall-mutur tal-bahar, il-valur li bih kien inxtara l-mutur jinghad li hu (Lm249) ekwivalenti ghal (€580), u l-valur li ta l-Perit tekniku kien ta' €80, li hu hafna anqas minn l-ammont li bih inxtara, tenut kont li l-mutur ghadu f'kondizzjoni tajba ferm. Illi gie wkoll indikat u pprecizat li l-valur tal-frejgatina tal-injam hu fl-ammont ta' €650. Finalment, b'referenza ghar-raba' domanda sostna, li kkonsidra l-elementi kollha sabiex jasal ghall-valur moghti ghajr il-licenzja sabiex tintuza.

In segwitu, ma saritx talba ghall-periti perizjuri, *entro* t-terminu taz-zmien stabbiliti bil-ligi.

**<u>Dritt:</u>**

Illi d-dritt ghal-legittima (llum maghruf bhala s-sehem riservat) *ai termini* tal-**artikolu 615 tal-Kap 16**, huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet.

**Torrente** f' "Manuale di Diritto Privato" p. 934 *et seq*., ighid:

*“Per determinare l’ammontare delle quote di cui il decuius poteva disporre devesi procedere:*

*a) alla formazione della massa di tutti i beni che appertenevano al defunto all’epoca della sua morte;*

*b) alla detrazione dei debiti*

*c) alla riunione fittizia delle donazioni al patrimonio netto.”*

Ighid ukoll li *ai fini* tar-*riunione fittizia “si calcolano I valori dei beni che appartenevono al defunto al tempo dell’apertura della successione (ir relictum - cio che e' satato lasciato). Dalla somma stessa si detraggano i debiti…..Al risultato cosi ottenuta si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente disposto in vita a titolo di donazione (donatum) di regola secondo il valore che avevano al tempo dell’apertura della successione. Sull’asse cosi formate si calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)."*

Illi sabiex din il-Qorti tasal ghall-komputazzjoni tal-legittima jehtieg illi fl-ewwel lok jigu kkonsidrati zewg punti ta’ natura legali, u cioe`, jekk il-legittima ghandhiex titqies fuq il-valur tal-patrimonju tad-decujus filwaqt ta’ mewtu, jew ahjar fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, jew inkella l-legittima ghandhiex titqies fuq il-valur taz-zmien tal-likwidazzjoni tal-legittima nnifisha; u jekk il-legittima ghandhiex tithallas in natura jew inkella fi flus.

Illi fuq l-ewwel punt u cioe' dwar iz-zmien relevanti ghall-valutazzjonita' l-assi ereditarji ghall-fini tal-komputazzjoni tal-legittima, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mary Anne Zammit et vs Antonia u Bernarda ahwa Ellul"** mghotija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 fejn gie segwiet dak li nghad fis-sentenzi tal-istess Qorti fl-ismijiet **"Emilia Maria Mifsud vs Eleonora Mizzi"** (A.C. 10 ta' Dicembru 1973) u **"Concetta Vella vs Giuseppe Bugeja"** (A.C. - 14 ta' Dicembru ta' l-1973) u fejn dwar dan il-punt inghad illi:-

*"...ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-rijunjoni fittizja ta' l-assi ereditarji in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' referiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.... Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta'kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-*

*konverzjoni, cioe` iz-zmien 'l iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja."*(Ara wkoll **Mary Anne Zammit et vs Antonia u Bernarda ahwa Ellul** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005).

Illi fil-fatt, fil-kaz **Dr. Chris Said noe vs Mary Abela**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 2010, inghad li jekk jirrizulta li l-legittima ma tistax tigi sodisfatta u allura tikkonverti ruhha fi dritt ta' kreditu ta' flus, il-valuri li jridu jittiehdu sabiex tinhadem il-legittima ghandhom ikunu dawk l-iktar vicin tas-sentenza. (L-istess principju gie ribadit fil-kaz **Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 u **Salvatore Cutajar et noe vs Maria Dolores Cutajar et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Gunju 2009).

Illi rigward it-tieni punt ghandu jinghad li **bl-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004 l-artikolu 615 tal-Kap 16** kif emendat jistipula:

*(1) "Is-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj."*

*(2) "l-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem*

*riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn; izda l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulat fl-artikolu 1139."*

Ikkonsidrat li ghal zmien twil, il-ligi kienet tqis is-sehem riservat bhala parti mill-gid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu (*hereditatis portio*) u ghalhekk il-legittimarju ma kienx semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jircievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt. (Ara **Debono vs Licari et** P.A. deciza fis-16 ta' Dicembru 1954 (**Kollez. Vol. XXXVIII.ii.620**). Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar werriet, u ghandu l-jedd jistenna li l-gid li minnu jinghata s-sehem riservat tieghu ikun ghadu fl-istat kif kien jinsab filwaqt tal-mewt tad-decujus. (Ara **Farrugia noe et vs Mintoff noe et** App. Civ. Deciz fl-10 ta' Gunju 1949 Kollez. Vol. XXXIII.i.472).

Illi minn dan kien isegwi li idealment il-legittima trid tinghata in-natura[14], jigifieri tkun maghmula minn fost il-hwejjeg mill-gid tal-mejjet li jew jkunu ghadhom jaghmlu parti mill-assi

[14] P.A. 22.5.1950 fil-kawza fl-ismijiet **Wismayer et vs Wismayer et** (Kollez. Vol. XXXIV.ii.574.

tieghu mal-mewt, jew ikunu ddahhlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b'liberalita` minn izjed minn dak li tahtih il-ligi.

Illi minhabba l-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta' l-Att XVIII ta' 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-legittima, li issa tissejjah porzjoni rizervata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon riservat fil-konfront tal-eredita`. B'hekk, tnehha l-kuncett tas-sehem tal-beni tal-mejjet.

Inoltre`, mid-data tal-ftuh tas-successjoni, imghax bir-rata legali jiddekorri fuq il-kreditu jekk il-porzjon riservat hu miltub fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni jew mid-data tan-notifika ta' ittra ufficjali jekk it-talba ssir wara l-imsemmija sentejn. Skont id-disposizzjoni transitorja fl-Att XVIII, dawn l-emendi japplikaw ghal successjonijiet li jsehhu wara li l-provvedimenti relattivi jidhlu fis-sehh (l-1 ta' Marzu tas-sena 2005[15]).

Illi fil-kaz odjern, id-decujus Francesco Saverio Pisani miet fl-14 ta' Settembru 2012, ghalhekk m'hemmx dubju li ftuh tal-wirt tieghu sar wara d-dhul fis-sehh tal-emmendi. Ghalhekk, il-ligi applikabbli hija l-ligi bhalissa vigenti li taghmilha cara li d-dritt ghall-porzjon riservat huwa kreditu kontra l-eredita`.

Illi r-rikorrent qed jipprocedi kontra l-intimata ohtu ghas-sehem tieghu tal-legittima. Jirrizulta li fit-tmien artikolu tat-testment tieghu, t-testatur, missier il-kontendenti, innomina

[15] LN. 48 of 2005

bhala eredi universali, u padruni assoluti ta' gidu, lil Maryanne Borg u Grace Ciantar fi kwoti indaqs bejniethom. Jirrizulta li Grace Ciantar irrununzjat ghall-wirt tad-decujus b'att tat-12 ta' Marzu 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Charmaine Azzopardi esebita bhala Dok CC (fol 232). Konsegwentement, l-eredi universali hija Maryanne Borg l-intimata. Ir-rinunzja ta' Grace Ciantar tifisser li hija ma tistax tippartecipa aktar ghal sehemha tal-porzjon riservat. Difatti, l-**artikolu 618(2) tal-Kodici Civili** jiddisponi:

*"(2) Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 608 u 626 l-ishma tat-tfal jew dixxendenti ohra li huma inkapaci, jew li jkunu gew dizereditati, jew li jkunu rrinunzjaw ghal sehemhom, imorru favur it-tfal jew id-dixxendenti l-ohra li jiehdu s-sehem riservat".*

Ghaldaqstant, is-sehem ta' Grace Ciantar ghandu jiddevolvi favur l-hames ulied dixxendenti l-ohra.

In segwitu, fid-disa' artikolu tat-testment inghad:

"*Il-komparenti testatur jezenta lil uliedu kollha mill-obbligu tal-konferiment fil-massa ereditarja u mill-imputazzjoni ghal sehemhom ta' dak kollu li rcevew jew ghad jistghhu jircievu minghand it-testatur ghal kull raguni u taht kull titolu*."

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li skont l-artikolu 648 tal-Kodici Civili, biex tinhadem il-legittima trid tizdied mal-assi ezistenti fil-mument tal-mewt, id-donazzjonijiet li jkunu saru

mit-testatur u ezattament fil-kaz ta' immobbli l-valur tal-proprjeta` fil-mument tal-mewt.

**L-artikolu 648 tal-Kodici Civili** jistipula:

*"Biex jigi stabbilit kemm ghandu jkun dan it-tnaqqis, ghandhom jitharsu dawn ir-regoli li gejjin:*

*a. ghandha ssir gabra tal-beni kollha li jkun hemm fiz-zmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatghu minnhom id-djun;*
*b. il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ghandhom imbaghad jigu mghaqudin b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni.*
*c. is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu jitqies fuq l-assi hekk migbura, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta' dawk li ghandhom jedd b'ligi ta' sehem mill-beni tieghu skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 615 sa 639."*

Dan enuncjat fid-dispozizzjoni tal-ligi sucitata, jinsab ikkonfermat ukoll fin-noti ta' **Profs. Caruana Galizia:**

*"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations."*

*"The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due……even if the testator has exempted any of the said persons from inputting the property received on donation to their rights."*

*"Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely 'animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude…….".*

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**artikolu 913 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta** li jipprovdi:

*"It-tfal u d-dixxidenti biss, li jigu ghall-wirt ta' axxendent, sew b'testment kemm ab intestato, ghandhom igibu fil-massa tal-wirt, fl-interess biss tat-tfal jew dixxendenti l-ohra, li jirtu flimkien maghhom, dak kollu li jkunu hadu b'donazzjoni minghand il-mejjet, direttament jew indirettament, meta d-donatur ma jkunx iddispona xort' ohra."*

Jigi osservat, li din id-dispozizzjoni tal-ligi hija mmirata sabiex ikun hemm ugwaljanza u ekwilibriju fil-wirt li kull wiehed jiehu bhala eredi dixxendenti. Dan jibqa' jghodd, sakem it-testment ma jistipulax mod iehor. Illi fil-kaz in

ezami, diga gie enuncjat dak li t-tesatur sostna, specifikatament, fid-disa' artikolu tat-testment, fejn huwa eskluda milli jidhlu fil-massa ereditarja *ai fini* tal-kollazzjoni kull donazzjoni li huwa ta f'hajtu. Ghalhekk, dak ritenut kemm fl-eccezzjonijiet (partikolarment fit-tieni eccezzjoni) u fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata, f'dan ir-rigward, ma jregix, peress li mhemmx lok li jitnaqqsu donazzjonijiet li saru f'hajjet id-defunt, *ai fini* tas-sehem riservat, kif donnha trid tindika l-intimata bl-insistenza taghha fuq din il-materja. Jigi dedott, li din il-persistenza tal-intimata fix-xhieda u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, hija ppernjata fuq l-insinwazzjoni li minhabba dak li rcieva r-rikorrent matul hajjet id-defunt, mhuwiex intitolat ghas-sehem riservat pretiz. B'dan mhux qed jinghad li jekk jigi stabbilit li r-rikorrent rcieva beni b'donazzjoni ma jittiehdux in konsiderazzjoni.

Min-naha l-ohra, l-intimata ma ressqitx provi sal-grad rikjest bil-ligi tad-donazzjonijiet allegatament moghtija lir-rikorrent. Ma giex indikat b'mod car x'inghata lir-rikorrent, u lanqas ma gie bl-ebda mod kwantifikat dak li nghata lir-rikorrent minn missieru matul hajtu, provi li kienu jinkombu fuqha. Difatti, l-intimata u x-xhieda mtella' minnha xehdu li saru diversi pjaciri u li l-missier defunt kien ighin ghall-ahjar ta' uliedu. Izda, ma giex ipprecizat u kkwantifikat dak li allegatament inghata lir-rikorrent u lill-ahwa l-ohra. Difatti, ma gew ipprezentati l-ebda provi dwar l-assi li ghandhom jizdiedu fittizjament mill-massa ereditarja, la dwar mobbli lanqas dwar immobbli donati lir-rikorrent. Ghalhekk, l-asserzjonijiet tal-intimata mhumiex sorretti bi provi, izda

huma biss allegazzjonijiet li d-defunt missierha kien ighin lil uliedu s-subien, li indubbjament mhuwiex fatt ikkontestat. Madankollu, dak allegat mill-intimata mhuwiex sorrett b'kuntratti jew skritturi fejn ir-rikorrent seta' ddona jew ittrasferixxa immobbli lir-rikorrent. Anzi l-kuntratti esebiti huma ta' bejgh mhux ta' donazzjoni.

Mill-assjem tal-provi, ma jirrizultax li d-decujus kien ghamel donazzjoni fi flus kontanti jew f'beni immobbli fil-konfront tar-rikorrent. Dak indikat aktar b'mod preciz, huwa fis-sens li l-missier kien ihalli lil uliedu juzaw il-garaxxijiet tieghu ghas-sengha taghhom, Izda la gie specifikat il-perjodu ta' zmien kemm dam ihallihom juzaw il-garaxxijiet u lanqas sar accenn jew l-icken prova dwar kemm kienet il-kera ghal garaxxijiet bhal dawn. Min-naha l-ohra r-rikorrent esebixxa l-ewwel ricevuta fejn hu kien hallas il-kera lil missieru ghall-uzu ta' wiehed mill-garaxxijiet. Inoltre`, jirrizulta mix-xhieda, li ma kienx biss ir-rikorrent li kien jithalla juza wiehed mill-garaxxijiet imma zewgt' ahwa subien ohra. *Di piu`*, mill-oggetti li kien hemm fil-garaxxijiet, ma jirrizultax li r-rikorrent jew hutu hadu jew gew donati ghodda jew oggetti li kienu f'dawn il-garaxxijiet, tant li jirrizulta mir-rapport tal-Perit Tekniku li l-garaxxijiet fihom ghodda, twavel u anke dghajsa u mutur ta' dghajsa.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, minhabba l-karenza ta' prova da parti tal-intimata, din il-Qorti mhijiex f'qaghda li tikkomputa u tinkludi fil-kollazzjoni xi donazzjonijiet maghmula favur ir-rikorrent billi dawn ma jirrizultawx.

Mill-assjem tax-xhieda fl-atti tal-kaz, johrog evidentement, li r-rikorrent ma kienx jitkellem ma' missieru Francesco Saverio Pisani qabel ma miet, u anke l-ahwa l-ohra subien. Dan mhuwiex ikkontestat, *stante* li r-rikorrent stess ammetta fix-xhieda li anke jekk jiltaqghu fit-triq ma kienux jitkellmu. Konsegwentement, kif ikkonfermat l-intimata u zewgha fix-xhieda, kienu huma li daru bi Francesco Saverio Pisani sal-gurnata tal-mewt tieghu. Illi dan huwa fatt li mhuwiex ikkontestat. Madankollu dan hu ghal kollox irrilevanti billi l-vertenza odjerna ma tirrigwardax xi servigi rezi lid-decujus jew mid-decujus lil uliedu. Inoltre`, ma saret l-ebda eccezzjoni da parti tal-intimata f'dan is-sens, fejn intalab li mill-assi tad-decujus, ghall-iskop tal-komputazzjoni tal-legittima ghandhom jigu mnaqqsa bhala dejn is-servigi dovuti peress li kienet hi li hadet hsieb missierha. (Ara ad ez. **Salvatore Cutajar vs Maria Dolores Cutajar**, Qorti tal-Appell, deciza fis-26 ta' Gunju 2009; **Angelo Zerafa et vs Michelina Azzopardi**, P.A. 81/2007 deciza fis-7 ta' Novembru 2014).

Ghaldaqstant, ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata.

Ghalhekk, ir-rizultanzi fattwali li jitnisslu mix-xhieda ma jistghux jigu kkunsidrati *ai fini* tal-komputazzjoni tas-sehem riservat.

Referibbilment ghall-oggetti tad-deheb go kaxxa tal-landa tal-Oxo, li saret referenza ghalihom fl-assjem tal-provi, ma jirrizultax li dawn ghadhom ezistenti, jew li kienu ezistenti fil-mument tal-mewt tad-decujus, ghalhekk, xejn ma jista'

jinqasam jew jigi komputat fil-massa ereditarja fir-rigward ta' dan.

**Valutazzjoni Teknika**

Illi b'referenza ghall-oggetti mobbli li jinsabu fil-proprjetajiet tad-defunt Francesco Saverio Pisani, gie mahtur il-Perit Vincent Ciliberti li vvalutta l-oggetti misjuba f'dawn il-proprjetajiet. Il-valur taghhom jammonta ghal €2,790.

Illi wara li ezaminat ir-rapport, u qieset ir-risposti in eskussjoni, din il-Qorti tqis li ghandha tadotta l-valutazzjoni moghtija mill-Perit minnha mahtur.

Fil-kaz **Louis Gauci vs Angelo Attard**, P.A. deciza fid-9 ta' Dicembru 2002, gie ritenut:

*"…….il giudizio dell'arte espress mill-espert nominat minnha mhux facli li jigi skartat. Biex taghmel dan il-Qorti jehtigilha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi dan il-gudizzju huwiex wiehed irragjonevoli jew priv minn dawk l-elemeti assodanti li jwasslu ghall-konvinciment."*

Hawnhekk, jigi sottolineat, li din il-Qorti qed timxi strettament mal-valuri kif moghtija u pprecizati mill-espert Tekniku anke waqt l-eskussjoni, peress li hemm inkorrettezzi f'dan ir-rigward fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, billi ma gewx riflessi b'mod preciz, l-ammonti valutati mill-Perit Ciliberti. Inoltre`, jigi ritenut, li din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sostnut fin-nota ta' sottomissijionijet tar-rikorrent, fejn tnaqssu l-ammonti rapprezentanti xi ghodod li hu r-rikorrent fix-xhieda tieghu sostna li huma tieghu. Jigi

kkonsidrat li l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fil-proprjeta` tad-decujus jitqiesu bhala proprjeta` tieghu u tal-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm vigenti bejn id-decujus u martu, *stante* li jekk ried jaghti jew jirrestitwixxi dawn l-oggetti it-testatur kellu l-opportunita` kollha jaghmel dan matul hajtu.

Ghal dak li jirrigwarda, l-kalkolu tas-sehem riservat, hekk kif inghad fil-kaz **L-Av. Dr. Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe**, P.A. Rik Nru 25/2006/AE deciza fid-29 ta' Frar 2008, l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah **rijunjoni fittizja**.

Permezz ta' dan l-ezercizzju preliminari isir kalkolu ta' l-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (*disposable portion*) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha, u cioe`, l-likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod, ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta` kienx hemm lezjoni tas-sehem riservat. Dan l-ezercizzju jrid isir billi:

1. Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni, u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni.

2. Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn.

3. Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodici civili jinghad li din il-proprjeta` "*shall be fictitiously added*" mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta` fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni…………B'hekk, jekk dak li ddispona minnu d-decujus jaqbez is-sehem li minnu seta' jiddisponi, ikun hemm lezjoni tal-legittima.

Ghall-fini tal-komputazzjoni tal-legittima, issir referenza ghall-artikolu 620(2) tal-Kodici Civili, li jistipula li l-legittima ghandha tigi kkalkolata fuq l-assi kollha, wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral.

**Talbiet:**

**Konsistenza tal-assi tad-decujus Francesco Saverio Pisani.**

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti trid tghaddi ghall-konsistenza tal-assi tal-mejjet sabiex tistabbilixxi jekk hemmx ammont dovut lir-rikorrent.

Illi mill-provi jirrizulta li d-defunt Francesco Saverio Pisani kien proprjetarju ta' sehem (nofs indiviz) tal-propretajiet, elenkati fid-dikjarazzjoni *causa mortis* datata 24 ta' Lulju 2012, ipprezentata bhala Dok C mar-rikors promotur. Illi d-defunt kien proprjetarju ta' nofs indiviz tal-proprjetajiet in kwistjoni, peress li kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm vigenti bejnu u bejn martu Maria Concetta Pisani. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, r-rikorrent ma kkalkolax is-sehem riservat fuq in-nofs tal-valur tal-beni. Huwa pacifiku bejn il-partijiet li d-decujus u martu kienu separati *de facto* ghal zmien twil izda l-fatt jibqa' li l-komunjoni tal-akkwisti kienet u baqghet vigenti sakemm miet.

Ghalhekk, jirrizulta, li d-decujus kien proprjetarju ta' nofs indiviz (1/2) tal-proprjetajiet kif elenkati fid-dikjarazzjoni *causa mortis*, u s-sehem ta' nofs indiviz tieghu huwa

ekwivalenti ghall-ammont ta' €126,000. Din il-Qorti ser tiehu l-valur kif indikat fid-dikjarazzjoni *causa mortis*, billi huwa evidenti li hawnhekk, il-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-valur indikat fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni.

Rigward assi ohra tad-decujus, jirrizulta li hemm l-oggetti mobbli kollha fil-proprjeta` fejn kien joqghod u d-decujus flimkien mal-oggetti l-ohrajn kollha li jinsabu fil-garaxxijiet elenkati fil-*causa mortis*. Illi l-Qorti ser tiehu l-valur indikat mill-Perit Tekniku mahtur li indika l-valur tal-oggetti b'mod komplessiv fl-ammont ta' €2,790 (kif ser jidhru indikati oggett, oggett aktar 'il quddiem). Madankollu, jirrizulta li anke dawn l-oggetti kienu kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti li d-defunt kellu ma' martu, u ghalhekk, is-sehem ta' nofs indiviz tieghu rapprezentanti dawn l-oggetti mobbli huwa ta' €1,395.

**<u>Is-sehem riservat fuq l-assi ereditarji ta' Francesco Saverio Pisani.</u>**

Il-ligi taqsam il-gid tad-decujus fi tnejn, dik disponibbli u dik mhijiex. Il-parti mhijiex disponibbli tigi kalkolata a bazi tal-artikolu 616 *et sequens* tal-Kap 16. Ghalhekk, biex tigi komputatat l-legittima, iridu jizdiedu ma' l-assi ezistenti fil-mument tal-mewt id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur *inter vivos*.[16]

Fil-kaz in ezami, kif diga inghad, ma gewx ipprezentati l-ebda provi fuq dwar l-allegati donazzjonijiet li setghu saru mid-defunt fil-konfront tar-rikorrent u li konsegwentement

[16] Artikolu 648 tal-Kap 16.

jistghu jigu mnaqqsa mir-rijunjoni fittizja ta' donazzjonijiet mill-massa ta' patrimonju ereditarju.

**Komputazzjoni tal-legittima:**

Il-Qorti ser tezamina jekk id-decujus Francesco Saverio Pisani marx oltre` l-parti disponibbli tal-wirt tieghu tenut kont tas-'sehem riservat'. Jirrizulta li permezz tat-testment tad-decujus, id-dritt tas-sehem riservat spettanti lir-rikorrent gie lez.

**L-assi ereditarji ta' Francesco Saverio Pisani:**

Jirrizulta li l-valur tal-beni tad-decujus fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni jammontaw ghal €126,000.

**Immobbli:**

Nofs indiviz (1/2) tal-fond "Saint Francis" Triq Wied il-Ghajn Zabbar. (Il-valur tad-decujus u cioe` tan-nofs indiviz huwa ta' €62,500).

Nofs indiviz (1/2) tal-garaxx bl-isem "Mexico Garage" fi Triq Wied il-Ghajn Zabbar. (Il-valur tad-decujus u cioe` ta' nofs indiviz huwa ta' €17,750).

Nofs indiviz (1/2) tal-garaxx numru tlieta (3) maghruf bhala "Tal-Fniek" fi Triq il-Hawt Zabbar. (Il-valur tad-decujus u cioe` ta' nofs indiviz huwa ta' €22,500).

Nofs indiviz (1/2) tal-garaxx numru hamsa (5) maghruf bhala “Tal-Gebel” fi Triq il-Hawt Zabbar. (Il-valur tad-decujus u cioe` ta’ nofs indiviz huwa ta’ €23,250).

Nofs indiviz tad-dirett dominju annwu u perpetwu ta’ Lm40 ekwivalenti ghal €93.17 fir-rigward tal-fond numru wiehed (1) “Voula”, Triq il-Hawt, Zabbar, liema fond kien gie trasferit mit-testatur lill-intimata permezz ta’ kuntratt datat 11 ta’ Awwissu 1986 (fol 70 *et sequens* tal-process). – €1863.44, b’sehem id-decujus jammonta ghal nofs dak l-ammont *stante* li anke dan kien formanti mill-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm vigenti bejn it-testatur u martu. Ghalhekk, sehem id-decujus huwa ta’ **€931.72.**

**Valur totali** kif stmat fl-apertura tas-successjoni, ossija fid-dikjarazzjoni *causa mortis* - **€126,000 + €931.72 = €126,931.72**

**Oggetti mobbli (kif valutati mill-Perit Tekniku nominat Vincent Ciliberti):**

Valur komplessiv tal-ghamara fil-fond “St. Francis” Triq Wied il-Ghajn Zabbar - €400

Valur komplessiv tal-oggetti u *scaffolding* f’ "Mexico Garage” - €1,200

Mutur tal-bahar – €80

Frejgatina stmata fl-ammont ta’ €650

Ghodod u oggetti fil-garaxx numru hamsa (5) fi Triq il-Hawt Zabbar - €460

**Total : €2,790**

Izda, dan l-ammont irid ukoll jinqasam fi tnejn, peress li dawn l-oggetti mobbli kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn it-testatur Francesco Saverio Pisani u martu Maria Concetta Pisani. Ghalhekk, is-**sehem appartenti lid-decujus** huwa ta' **€1,395.**

**Total: €1,395.**

**Flus:**

Xehdu rapprezentanti tal-Banek, Lombard, APS u HSBC fejn qalu li minn ricerka li ghamlu sakemm imorru lura r-*records* tal-Bank, ma nstab xejn fuq ismu jew fuq isem terzi. Ghalhekk, ma jirrizultax li d-decujus kellu flus il-Bank.

**Total Valur Immobbli u Mobbli: €128,790**

Fuq din il-massa ereditarja ghandu jsir il-kalkolu tas-sehem riservat.

**Is-sehem riservat dovut lir-rikorrent**

Illi peress li fil-kaz in ezami, id-decujus Francesco Saverio Pisani halla sitt, ulied, is-sehem spettanti bhala riservat lid-dixxendenti huwa kkomputat fuq in-nofs (1/2) mill-massa

ereditarja li jinqasam f'ismha daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.[17]

Izda, jirrizulta, mill-assjem tal-provi u mill-atti tal-kaz, li oht ir-rikorrent, Grace Ciantar, irrinunzjat ghall-wirt ta' missierha, kwindi, is-sehem taghha jiddevolvi fuq il-hames hutha l-ohra bhala dixxendenti tad-decujus, *ai termini* tal-artikolu 618(2) tal-Kap 16.

Ghalhekk, is-sehem riservat tar-rikorrent huwa ta' (1/2) ta' (1/5), u cioe` (1/10) tal-massa ereditarja, (u mhux 1/5 kif jissottometti r-rikorrent[18], li jissarraf fi kreditu ta' €12,832.67 pagabbli lir-rikorrent.

**Kwindi l-ammont li ghandu jissarraf fi kreditu lir-rikorrent hu ta' €12,832.67.**

**L-imghax:**

L**-artikolu 615(2) tal-Kodici Civili** jipprovdi li jekk talba ghas-sehem riservat tkun saret aktar tard minn sentejn mill-ftuh tas-successjoni, imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 (8%) mid-data tan-notifika tal-att gudizzjarju ghandhom jizdiedu mal-ammont dovut lil-legittimarju. Jipprovdi wkoll li l-qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata anqas.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li r-rikorrent ipprezenta ittra ufficjali datata 29 ta' Lulju 2014 fejn talab lill-intimata l-hlas

[17] Artikolu 616(1) tal-Kap 16.
[18] Nota ta sottomissjonijiet para 10.

tas-sehem riservat tieghu mill-wirt ta' missieru. Dan ifisser li t-talba saret ftit gimgat qabel ghaddew is-sentejn mill-mewt tat-testatur. Ir-rikors odjern gie pprezentat fil-11 ta' Novembru 2014. Illi evidentement, dan ma kienx kaz li ha t-tul biex tasal ghal decizjoni, difatti l-partijiet ressqu l-provi regolarment u f'waqthom u ma jirrizultax li kien hemm riluttanza fl-andament tal-kaz. Min-naha l-ohra din il-Qorti tqis li ma kienx hemm tentattivi ta' ftehim jew skambjament ta' korrispendanza bejn il-partijiet, in seqwitu ghall-ittra ufficjali li baghat ir-rikorrent. Ghalhekk, wara li kkonsidrat il-fatti u c-cirkostanzi, u li l-kaz gie istitwit fi zmien sentejn mill-ftuh tas-successjoni, ir-rikorrent ghandu l-jedd ghall-imghax legali fuq il-kreditu tieghu.

## III. KONKLUZJONI

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-mejjet Francesco Saverio Pisani kif murija f' "**Konsistenza tal-assi tad-decujus "Francesco Saverio Pisani**"".

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-porzjon riservat spettanti lir-rikorrent skont dak li jirrizulta mill-komputazzjonijiet maghmula f'din is-sentenza fl-ammont ta' €12,832.67.

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-ammont ta' imghax legali fir-rigward tal-kreditu spettanti lir-rikorrent sa mid-data tal-mewt ta' Francesco Saverio Pisani u cioe` mill-14 ta' Settembru 2012 bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

4. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrent il-porzjon riservat kif likwidat flimkien mal-imghax legali kif imsemmi hawn fuq.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba billi l-legittima ser tithallas bhala kreditu minghajr assenjazzjoni kif spjegat fis-sentenza.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' April 2018**